# Lejn it-Tnissil Tal-Parroċċa

Dr. Simon Mercieca

*Din hija is-Silta dwar it-twaqqif tal-parroċċa meħuda mill-kitba ta' Dr Simon Mercieca miktuba għas-Soċjetà fl-1998 fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji tas-Soċjetà De Paule.*

Quddiem dan l-iżvilupp hekk qawwi ma setax jonqos li jkun segwit minn żviluppi spiritwali. Il-bżonn tal-amministrazzjoni ta' preċetti sagramentali speċjalment dawk tal-vjatku wasslu għall-bżonn ta' ħolqien ta' parroċċa ġdida. Il-kobor tar-raħal beda jwassal biex xi drabi l-vjatku ma jilħaqx jasal fil-ħin. Għalhekk inbeda l-proċess burokratiku biex Paola tingħata awtonomija mill-Parroċċa ta' Ħal Tarxien. Fis-7 ta' Marzu 1905. il-Kappillan ta' Ħal Tarxien Attard, talab formalment biex iż-żona ta' Paola ssir viċi parroċċa. Dan kien ifisser ċert li ġo Sant'Ubaldesca seta' jinżamm is-sagrament u għalhekk kien ikun aktar faċli biex jingħata l-vjatku. Iżda għall-ewwel darba, l-Isqof Pace irreaġixxa fin-negattiv bħalma turi biċ-ċar l-ittra li hu bagħat fl-10 ta' April. Kien imiss issa grupp żgħir ta' nies minn dan il-post biex fit-23 ta' Mejju jiffurmaw petizzjoni, li ġiet iffirmata minn 278 ruħ biex Paola issir viċi-parroċċa. Din id-darba, l-Isqof aċċetta u fid-29 ta' Lulju laqa' formalment it-talba tagħhom waqt li talab lill-Kappillan ta' Ħal Tarxien biex jurih min xtaq li jmexxi lil din il-viċi-parroċċa ġdida. Ma damitx ma wasslet ir-risposta u fis-16 ta' Awissu, il-Kappillan Attard għażel lil Salv Busuttil, qassis ħabrieki fuq din ix-xaqliba, għal dan is-servizz. B'hekk, fid-29 ta' Awissu, permezz ta' digriet mill-Kurja, Raħal Ġdid ġie ddikjarat





viċi-parroċċa. Dan kien ifisser li fil-knisja seta' jinżamm b'mod permanenti s-sagrament, waqt li kull nhar ta' Ħadd kellu jingħata t-tagħlim tal-vanġelu.

Dan l-iżvilupp kollu seta' jseħħ biss minħabba li l-knisja ta' Sant'Ubaldesca għaddiet f'idejn l-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Dan il-fatt huwa wkoll marbut mal-iżvilupp tal-popolazzjoni. Il-knisja kienet saret żgħira wisq u nies tal-lokal xtaqu li jkabbruha. Iżda dan ma setgħax iseħħ minħabba li din il-kappella kienet proprjetà tal-Gvern. Għalhekk, fit-22 ta' Mejju 1897, il-Kunsill tal-Gvern approva li din il-knisja tgħaddi f'idejn l-awtoritajiet tal-Knisja. Dan kien l-ewwel pass lejn it-tkabbir tagħha li kien jitlob ukoll it-teħid tal-art pubblika li kien hemm quddiemha. Dan il-permess ukoll ġie mogħti mill-Kunsill tal-Gvern fl-24 ta' April 1900, waqt li l-istess Gvern żamm id-dritt li jagħżel hu ir-rettur tagħha u rabat, li l-kwadru li kien hemm fil-knisja l-qadima għandu jinżamm fiha. Tkabbir ma ħax żmien twil għax fi żmien sena, dan kien lest. Dan kien jikkonsisti fl-aġġunzjoni ta' kursija fuq stil Korintu mal-knisja, waqt li n-nies tal-Kottonera waqfu kull wieħed l-artal tagħhom fiha. Ta' Bormla għamlu artal għall-Kunċizzjoni, tal-Isla għall-Bambina u tal-Birgu lil San Lawrenz. Fl-istess waqt, f'din il-ħabta bdiet ukoll tkun organizzata festa, saret statwa tal-karta pesta ta' Sant'Ubaldesca mill-istatwarju Karlu Darmanin. Waqt li fil-festi esterni kien isir il-logħob tan-nar u tieħu sehem il-banda.

Meta ġiet biex issir viċi-parroċċa, kien meħtieġ il-benefiċċji li kienu marbuta mal-knisja jinħallu u biex dan seta' jsir b'mod aħjar, din il-knisja kellha t-titlu tagħha mibdul minn dak ta' Sant'Ubaldesca għal wieħed iddedikat lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Il-benefiċċji fundati mill-Granmastru De Paule, u li l-Gvern kien hass li kellu jipproteġi ġew mgħoddija għal fuq artal li nbena apposta iddedikat lil din il-Qaddisa. Dan kien ifisser għalhekk, il-Gvern kien tilef id-dritt li jappunta r-rettur ta'


Lorenzo A. Zamba

Lewwel sena Ottubru 1918 No. 2

IL PARROCCIA TAR-RAHAL GDID

Taht il Protezioni tal

Kalb Imkaddsa ta Gesu'

Perjodiku ta darba fix-xahar

Direttur u Amministratur
Il Cappillan

MALTA
Stamperia Victoria
153 Strada Forni, Valletta



din il-knisja li issa beda jiġi appuntat mill-Kappillan ta' Ħal Tarxien taħt it-titlu ta' Viċi-Kappillan.

L-iżvilupp mgħaġġel ta' dan il-post u tkabbir tal-popolazzjoni għab pressjonijiet ġodda lejn it-twaqqif ta' parroċċa. Infatti, f'ħames snin, dan is-subborg kellu popolazzjoni kbira tant li issa seta' jżomm kappillan għas-servizz tiegħu. Għalhekk, fis-26 ta' Ottubru ġew deċiżi l-limiti tal-parroċċa l-ġdida, li kienu maħsuba biex kemm jista' jkun iħarsu l-interess ta' Ħal Tarxien tant li fit metri bogħod miċ-ċentru ta' Paola ġie assenjat lil dan ir-Raħal. Imbagħad fit-12 ta' Lulju 1910, Raħal Ġdid ġie mwaqqaf f'Parroċċa permezz ta' digriet tal-Isqof Pace. B'hekk, fi kliem il-kittieb tal-ewwel storja fuq dan ir-raħal, EB Vella 'fl-aħħar it-tifel l-imqareb irnexxielu jħalli lil ommu u jieħu l-istat tiegħu!'

## Il-bini ta' Tempju Gallikan

Il-pressjoni dejjem tikber miż-żieda fil-popolazzjoni wasslet f'inqas minn erba' u għoxrin sena minn meta spiċċat iż-żieda għall-knisja ta' Sant'Ubaldesca biex tiġi mibnija knisja ġdida oħra. Dan ix-xogħol ġie mħolli f'idejn perit li kien stabilixxa ruħu sew f'dan ir-raħal, Ġużè Damato. Hu nnifsu wera sens ċiviku qawwi meta offra b'xejn l-art biex fuqha tinbena din il-knisja. Mingħajr dubju, ħarsa bijografika lejn il-ħajja tal-perit, tispjega sew l-iskop u l-għamla li hu fassal għall-bini ta' dan it-tempju kbir.


Progetto per la nuova Chiesa di Casal Paula
Facciata Principale

Ġużè Damato twieled l-Alġerija minn ġenituri Maltin. Kien żmien meta dan il-pajjiż tal-Afrika ta' Fuq kien kolonja Franċiża, u fejn il-kultura ta' dan il-pajjiż kienet waħda dominanti ħafna. Kien propjament hawnhekk li dan il-perit, meta kien għadu daqxejn ta' tifel ġie wiċċ imb'wiċċ mal-kultura Franċiża li ser tkun tant u tant deċiżiva biex twassal għal dan il-bini ta' din il-knisja. Hu ħa l-istudji tiegħu ġewwa kulleġġi Franċiżi li komplew saħħew dan l-aspett kulturali. In fatti meta hu ġie mitlub biex ifassal il-pjanti ta' din il-knisja ġdida, il-linji ġenerali li addotta kienu dawk ta' tempju Gallikan.

Meta wieħed jitkellem dwar gallikaniżmu, wieħed ma jifhem xejn għajr moviment reliġjuż li għandu l-għeruq tiegħu ġewwa Franza. Gallia kienet il-kelma li r-Rumani kienu jużaw biex meta jirreferu għal dan il-pajjiż u għalhekk meta dan il-pajjiż sar wieħed kristjan, in-nies tiegħu bdew jissejħu Galliċi u l-knejjes li huma bnew bdew jgħarrfuhom bħala Gallikani. Dan kien ifisser li fl-istil u l-għamla tagħhom, dawn il-knejjes kienu ftit differenti minn dawk li nbnew f'pajjiżi oħra Ewropej. Dan il-moviment ta bidu għal ċertu sens ta' awtonomija fi ħdan din il-Knisja Franċiża. Għal ħafna sekli hi kellha l-quddiesa tagħha, id-duttrina u t-teoloġija tagħha. Kien biss wara l-Konċilju ta' Trentu li dawn l-istrutturi tal-knisja Franċiża ġew imwaħħda ma; dawk ta' Ruman.

Dan il-moviment politiku fi ħdan il-Knisja Franċiża kien akkumpanjat minn morfoloġija artistika li qatgħet tiddomina l-istil arkitettoniku tal-Knisja Gallika. Għalhekk waqt li r-rit tal-Knisja Franċiża kien dak espress u finalizzat minn dak tal-kontro riforma l-arkitettura



tal-Knisja, baqgħet issegwi mudell partikolari anki jekk kellu fih tibdiliet importanti. Hekk, il-knejjes mibnija wara l-1563 ġewwa Franza isegwu l-forma ta' salib latin, waqt li fil-ġnub tagħhom wieħed kien isib fihom ukoll numru ta' artali. Iżda mbagħad, dawn kellhom il-partikulari tagħhom. Il-knejjes Franċiżi żammew l-użu tal-kappelli laterali waqt li f'Malta per eżempju ħafna drabi ppreferew il-mudell Ruman fejn dawn kienu tneħħew u l-artali tal-ġenb kienu mqegħda fil-kursija. Fuq kollox l-artal u l-kwadru tiegħu kienu jkunu mqiegħda fil-ġenb waqt li fin-nofs ta' kull kappellun kien ikun iddominat minn tieqa magħmula minn ħġieġ ikkulurit. Dan kien aspett importanti ħafna minħabba li Franza hu pajjiż nieqes mix-xemx u għalhekk kien jinħass bżonn kbir ta' twieqi kbar ma' kullimkien tal-knejjes biex jagħti ħafna dawl naturali.

Aspett ieħor tal-Knisja Franċiża hu li l-kolonni jew pilastri ma jifqux tul il-korsija, bħalma hu l-każ tal-Knisja Rumana u li f'Malta għandna ħafna eżempji tagħhom, iżda jkompli jdur mal-artal. Dan il-mudell jiġi segwit kemm fil-knejjes gotiċi Pariġini kif ukoll dawk mibnija fis-sekli sbatax u tmintax. Dan iwassal għall-introduzzjoni ta' karatteristiċi partikolari fejn il-kobor tan-navi jvarja minn dak tal-korsija għal dawk użati wara l-artal, li jkun dejjem ta' daqs iżgħar, biex b'hekk il-kolonnat ikun jista' jitkompla f'għamla ta' ċirku, u dan iwassal biex il-kolonni ta' wara l-artal tiddjiqilhom l-arkata tagħhom.



L-għoli wkoll, isir parti mill-karatteristiċi tal-Knisja fi Franza, speċjalment matul is-snin tan-nofs. Matul il-perjodu tal-bini tal-Katidrali Gotiċi, tidħol il-pika bejn bliet differenti ġewwa Franza għal min minnhom jibni l-ikbar u l-aktar katidral għoli. F'termini arkitettoniċi dan seta' jseħħ biss bl-użu ta' *battress* jew arkati u kontra arkati fil-ġnub tal-knisja. Dan il-bżonn ta' għoli jbatti mar-rinaxximent, meta fl-Italja tibda l-pika ta' liema belt jirnexxilha tibni koppla fuq il-katidral tagħha, pika li Brunellesci irebbaħha għal Firenze. Dan ma jfissirx l-għatx għall-għoli spiċċa. Anzi, il-koppla stess, fiha nfisha tirrifletti din l-aspirazzjoni għall-bini ta' struttura li kemm jista' jkun tipponta bħal knejjes Gotiċi lejn is-sema. Iżda, l-idjoma hija ferm u ferm differenti anki jekk waħda ta' kontinwazzjoni mal-metafora gotika. Hija tirrifletti l-użu tal-istil rinaxximentali fuq forma gotika.

L-aħħar, karatteristika tal-Knisja Franċiża hi n-nuqqas ta' pittura jew skultura fil-knisja. Fi spirtu ta' etika protestanta, il-knejjes isegwu disinji sbieħ iżda sempliċi f'riflessjoni tal-faqar evanġeliku. Għalhekk, rari li wieħed isib is-soqfa impittra jew kursija indurata. Dawk



il-knejjes li matul l-epoka barokka seta' ġie miżjud ġewwa fihom elementi ta' dekorazzjoni u tlellix ġew imneżża minnom matul ir-rivoluzzjoni Franċiża u ftit kienu dawk li wara din l-epoka reġgħu ġew imsebbħa.

Il-pjanta li Damato offra ħadet inkonsiderazzjoni dawn l-aspetti kollha ta' din il-Kultura Franċiża. Fi kliem ieħor, fuq il-mudell tal-katidrali gotiċi Franċiżi, spazju kbir inħass li kellu jiġi utilizzat. L-ewwel biex il-knisja tkun tista' tilqa' fiha l-popolazzjoni kollha tal-post li kienet kuljum qegħdha tikber. It-tieni biex permezz tal-kobor, l-għoli, it-tul u l-wisa' tiegħu, dan it-tempju jkun mera tal-kobor u l-glorja ta' Alla.

Iżda dawn il-ħsibijiet ma kienx faċli li twettaqhom. Il-bini isegwi mudelli u modi ġodda, iżda l-muldell arkiteturali ġewwa pajjiżna ftit li xejn kien tbiddel u l-ħafna mill-knejjes li nbnew matul is-seklu dsatax komplew isegwu l-mudell barokk. Dan il-proġett kien jirrappreżenta, għal Damato, sfida ġdida. L-ewwel li jġib l-industrija tal-kostruzzjoni fuq il-linji ġodda żviluppati fl-Ewropa. Fi kliem ieħor dan kien mument importanti biex l-industrija tal-bini f'pajjiżna tagħmel qabża ta' żvilupp. Infatti dan it-tempju huwa wieħed mill-ewwel bini mibni permezz tas-sistema tal-ferro konkrit. Din kienet ftit li xejn użata qabel f'Malta u meta ġiet użata kien biss għal raġunijiet militari jew industrijali iżda qatt għal dawk artistiċi. Hekk, din is-sistema tħaddmet fil-bini taċ-ċimi tal-ewwel *power station* jew intużat għall-bini tal-*breakwater*. Iżda dan l-użu ma kienx jitlob elementi ta' estetika artistika. Damato jipproponi l-użu tiegħu għal wieħed ċivili b'kontenut artistiku qawwi. L-isfond kulturali tiegħu, din it-tip ta' kostruzzjoni rat żvilupp qawwi ġewwa Franza fejn tat lok għal bidu ta' dak li llum insejħu bini għoli ħafna. Dawn it-tip ta' proġetti kienu kważi impossibbli fit-teknika, u meta kienu jseħħu kienu jinħtieġu numru sostanzjali ta' ħitan tal-ġebel ħoxnin u bażi wiesa' ħafna. L-użu ta' skeletru tal-azzar jew ħadid ta' saħħa meħtieġa biex wieħed jibni fil-għoli ħafna mingħajr il-bżonn ta' forom konvenzjonali ta' kostruzzjoni. Il-ħitan saru biss bħala struttura ta' egħluq iżda ma kellhom l-ebda użu biex fuqhom iżomm l-għoli. Fi kliem il-istudjuż. Carter dan wassal biex dawn l-istess ħitan joffru spazji għal twieqi aktar kbar u għalhekk l-istess bini seta' jkun imdawwal aħjar. *(Carter: 169)*



Din it-teknika l-ġdida tat lil Damato biex jgħaqqad il-kunċett tal-għoli gotiku mal-kunċett tal-koppla barokka, bid-differenza li waqt li fil-passat, biex jibnuha kien meħtieġ bażi wiesa' ħafna, it-teknika l-ġdida, it-tahlita ta' konkos u ħadid, seta' jippermetti saqaf għoli ħafna, u fuqu setgħet titella' wkoll koppla ta' daqs imdaqqas. Dan seta' jsir mingħajr l-użu tal-*buttress*, billi l-koppla isserraħ fuq il-pilastri biss.

Id-disinn tal-koppla isegwi wkoll il-mudell neo-klassiku Franċiż użat fost l-oħrajn mill-koppla tal-knisja ta' San Genvieve (illum imsejjaħ il-*Pantheon*) milli ma' koppli Rumani jew Naplitani. Meta wieħed iħares sew lejn il-proporzjonijiet interni tal-koppla, sewwa sew



Infatti, għall-bidu ġie mitlub biex jinforza l-kolonni u l-pjanti eżistenti juru dan il-fatt.

Iżda, hu xorta rnexxielu jibni u tella' saqaf f'dak l-għoli kollu, u grazzi għall-konkos irnexxielu jagħlaq f'arkatura, li hi impossibbli li tagħmel permezz tal-ġebla biss. Il-ġebla waħidha ma tiflaħx dik iċ-ċirkonferenza hekk għolja u dejqa, anki jekk jidher ċar, li l-perit riedha ġustament, aktar għolja, iżda għar-raġunijiet li hu ma kellux kontroll fuqhom, kellu jnaqqsilha mill-għoli.

Damato stess jidher li nduna li l-esperiment tiegħu li jirriproduċi f'Malta mudell ta' Knisja Franċiża falla. Hu stess fil-pjanta oriġinali tiegħu jaddotta morfoloġiji tal-barokk Naplitan u dak Ruman. Hekk l-artali tal-ġenb ma jitqegħdux fuq kull ġenb tal-kappellun, iżda fin-nofs bħal ma wieħed isib f'kull knisja li ssegwi l-mudell Ruman, iżda li hu kompromess li jiġi segwit anki fih. Min-naħa l-oħra t-tieqa tiġi mibdula fl-istess ħin f'niċċa biex fiha tilqa' l-patrun jew patruna li għalih/a giet iddedikat l-artal.

Iżda l-falliment ta' dan l-istil l-aktar li jinħass u fil-fatt li fil-knejjes li se jibni wara dawk ta' Raħal Ġdid, hu ser jitbiegħed sew mill-mudell Franċiż bħal per eżempju f'Tal-Karmnu l-Belt jew tax-Xewkija Għawdex. F'dawn it-tnejn jinħass sew l-influwenza tal-barokk Taljan, anki jekk l-innovità wżata f'Raħal Ġdid, voldieri dik tal-użu tal-għoli fi spazju kemmxejn ristrett hija rripetuta f'dawn iż-żewġ każi. Anki, fejn il-knisja ta' Raħal Ġdid tkun ripetuta, dan ikun biss in parti bħalma hu l-każ fil-knisja ta' Had Dingli li iżda m'għandix kuridur idur mal-artal maġġur.

Illum din l-istess knisja qiegħdha tkompli tinbidel u tabbanduna dawn il-proporzjonijiet Gallikani għal xejriet barokki tradizzjonali.

JOSEPH PACE LTD
Importers & Suppliers
• Timber • Iron and Steel Sections • Wood-Based Boards
• Galvanized and Mild Steel Sheets • Postformed Panels
• Mild Steel Hollow Sections • Furniture Fittings
• Mild Steel Welded Tubes
106 Pace Buildings, Valletta Road, Paola PLA 1512
Tel: 21827209 • Fax: 21662503